**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 173/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Abdi Ali Jama**
**(ID 102614(A))**

**Illum, 21 ta' Dicembru 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Abdi Ali Jama ta' 28 sena, iben Ali Jama u Fatima Said Ali, imwieled is-Somalja, nhar is-26 ta' Gunju 1988, u residenti Hal Far Open Centre, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 102614(A);

Akkuzat talli fil-lejl tal-20 ta' Lulju 2016 u fis-snin ta' qabel, gewwa San Giljan u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Ipproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Nhar l-20 ta' Lulju 2016, waqt li numru ta' pulizija ossia PS 891, PC 1295, PC 560, WPC 368 u PC 971, kienu qeghdin *patrol* gewwa Paceville, fi Triq San Gorg, San Giljan u specifikatament x'hin waslu hdejn l-istabbiliment gia maghruf bhala *Axis*, l-imputat odjern avvicina lill-istess Ufficjali tal-Pulizija u bil-lingwa Ingliza, offrielhom id-droga. Skont PS 891 Oscar Baldacchino[1], l-istess imputat staqsihom "*you want some*?" ghal darbtejn u "*you want some drugs*?". Meta x-xhud staqsa lill-imputat "*what*?" sabiex ikun cert dwar dak li kien sema', l-imputat qallu l-kliem "*You want some drugs? Weed? Weed?*". Ix-xhud jghid ukoll illi l-pulizija kienu pajzana. L-imputat twaqqaf dak il-hin stess u saret tfittxija fuqu, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Huwa nghata d-drittijiet tieghu u minn hemmhekk gie skortat lejn il-*lock up.*

In kontro-ezami[2], PS 891 Oscar Baldacchino xehed illi l-imputat kellmu bil-lingwa Ingliza ossia b'Ingliz li kien jinftiehem. Jghid illi l-imputat offrielhom id-droga xi tliet darbiet u sabiex ikun cert minn dak li kien qed jisma', huwa wiegeb lill-imputat "*what*?", f'liema hin l-imputat rega' qallu "*you want weed weed hashish hashish*". Jerga' jghid illi minn tfittxija li saret fuqu, instabu biss *mobile phone* u *lighter* u li l-imputat ma kellux droga.

PC 971 Glenn Scicluna ukoll xehed illi fl-20 ta' Lulju 2016, ghall-habta ta' 11.45 p.m., kien qieghed xoghol gewwa Paceville flimkien ma' PS 891, PC 560 u PC 1295, meta waqt li kienu nezlin in-nizla ta' qabel l-istabbiliment maghruf bhala

---

[1] Ara x-xhieda ta' PS891 Oscar Baldacchino, a fol. 19 sa 21 tal-process.
[2] Ara a fol. 47 sa 49 tal-process.

*Axis*, l-imputat mar fuqu u fuq PS 891 u beda jghidilhom "*You want weed? Weed?*" Jghid illi huwa wiegbu fin-negattiv u li PS 891 informa lill-imputat li kienu pulizija.[3]

L-imputat irrilaxxja stqarrija bil-lingwa Ingliza l-ghada tal-arrest tieghu, nhar il-21 ta' Lulju 2016, wara li nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx.[4] Huwa jghid illi m'ghandux impjieg, ghalkemm qabel kellu u li xi sena qabel kien juza l-*cannabis* u issa m'ghadux. Jghid ukoll illi fil-lejl ta' qabel, huwa kien gewwa Paceville sabiex jixrob, izda ma kellux flus. Mistoqsi x'kien qal lill-pulizija fl-istess lejl, huwa jghid "*I asked them I they wanted to buy haxix*". Jghid ukoll illi ma kellux "*haxix*" u mistoqsi allura minn fejn kien ser igibha, huwa jghid "*From my friends, who sell it near axis, near the sea*". Jghid ukoll b'referenza ghal shabu illi huma jaghtuh "*commission*" minn €5 sa €10 ghal kull persuna li tixtri l-"*haxix*". Jghid ukoll illi ilu jaghmel dan mis-sena ta' qabel, ghalkemm mhux kull lejl. Mistoqsi x'tip ta' "*haxix*" jaghtu shabu, huwa jirreferi ghal "*Haxix, the brown stick*" bil-prezz ta' madwar €20. Jghid ukoll illi ma jafx fejn izommu d-droga shabu u mistoqsi jekk kienx jaf l-ismijiet ta' dawn shabu, jirrispondi fl-affermattiv u jghid li hemm hafna. L-imputat ghazel ukoll li jiffirma din l-istqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, ghalkemm mill-verbal tal-prezentata tieghu taht arrest fl-udjenza tal-21 ta' Lulju 2016, jirrizulta illi l-imputat qal illi ma jifhimx bil-lingwa Ingliza, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, meta mistoqsi jekk jifhimx bil-lingwa Ingliza, huwa wiegeb fl-affermattiv. In oltre minn qari tal-istess stqarrija m'hemm xejn li jista' jitfa' dubju dwar kemm l-imputat kien qed jifhem dak li gie mistoqsi lilu. Anzi huwa wiegeb ghad-domandi kollha li sarulu b'mod car u pertinenti ghal dak li kien qed jigi mistoqsi u fuq kollox, b'Ingliz li jinftiehem sew. Fix-xhieda tieghu[5], l-Ispettur Gabriel Micallef jghid illi l-komunikazzjoni bil-lingwa Ingliza mal-

---

[3] Ara x-xhieda ta' PC 791 Glenn Scicluna, a fol. 32 sa 33 tal-process. PS 1295 Dillon Abela jghid illi dakinhar tal-20 ta' Lulju 2016, waqt li kien qieghed *patrol* gewwa Paceville flimkien ma' PS 891, PC 560 u WPC 368, certu Abdi Ali Jama mar fuqhom u offrielhom id-droga u l-haxixa. Jghid ukoll illi tfittxija li saret fuqu rrizultat fin-negattiv (ara x-xhieda tieghu a fol. 22 sa 23 tal-process). L-istess tghid WPC 368 Shannon Azzopardi fix-xhieda taghha li gharfet lil Jama bhala l-imputat odjern li offrielhom il-haxixa (a fol. 24 sa 25 tal-process). In kontro-ezami, hija wkoll tghid illi waqt li kienu mexjin fi Triq San Gorg, gewwa Paceville, vicin l-Axis, l-imputat avvicinahom u bl-Ingliz qal "*You want some, you want some? Weed Weed?*". Tghid illi dan il-kliem inghad lil PS 891 Oscar Baldacchino fil-presenza taghha u wara li l-istess PS 891 qal lill-imputat "*what?*", dan rega' qallu, "*you want some, you want some hashish hashish?*" (ara a fol. 50 u 51 tal-process). Ara wkoll ix-xhieda ta' PC 560 Aaron Grech, a fol. 26 sa 27 tal-process.

[4] L-istqarrija tinsab esebita a fol. 8 u 9 tal-process. Id-dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-parir legali tinsab esebita a fol. 7 tal-process.

[5] Ara a fol. 15 tal-process.

imputat kienet wahda tajba, li tkellmu l-hin kollu bl-Ingliz u li l-imputat fehem tajjeb. In kontro-ezami[6], b'referenza ghall-istqarrija mehuda lill-imputat, l-Ispettur Micallef xehed illi l-istess imputat deher illi kien qed jifhem kull mistoqsija li saritlu u li waqt l-istqarrija, huwa ma kellu l-ebda dubju dwar dan. Jghid ukoll illi l-imputat ma kienx f'kundizzjoni ta' wiehed li kien taht l-effett tal-alkohol meta ttehditlu l-istqarrija, izda kien tajjeb u li l-istqarrija ma ttehditx immedjatament mal-arrest tieghu, izda l-ghada vicin il-11.00 a.m. Fir-rigward tal-lingwa, anke PS 891 Oscar Baldacchino xehed illi l-imputat tkellem mieghu bil-lingwa Ingliza u b'tali mod li kien jinftiehem. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-imputat fehem sew dak li gie mistoqsi lilu waqt l-interrogatorju tieghu.

L-imputat jinsab akkuzat, permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, bit-traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*. M'hemmx dubju mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija kollha li xehdu f'dan il-kaz, illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat offrielhom il-*cannabis* bil-kliem '*weed*' u '*haxix*', liema fatt l-istess imputat jikkonfermah fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Mill-istqarrija tieghu, jirrizulta wkoll illi l-imputat kien qed joffri ghall-bejgh ir-raza tal-*cannabis* tant illi jirreferi specifikatament ghall-"*brown stick*", apparti li jghid ukoll illi kien ilu jaghmel dan – ossia joffri l-*cannabis* ghall-bejgh u jiehu kumpens ghal kull persuna li tixtri d-droga - mis-sena ta' qabel. F'dan is-sens allura diga` jirrizulta t-traffikar tar-raza tal-*cannabis* da parti tal-imputat.

L-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, <u>li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti</u>, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear mizjud]

Ghaldaqstant, bil-fatt <u>biss</u> illi l-imputat offra li jipprovdi l-*cannabis*, indipendentement minn dak li seta' gara jew ma garax wara dan, ghal fini tal-ligi, huwa traffika l-*cannabis*. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Ronald**</u>

[6] A fol. 41 sa 46 tal-process.

**Psaila**, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna* ***toffri*** *li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament,* ***persuna turi****, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "****Offering to Supply****" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "****An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply****" (vide kazistika indikata – pg. 776).*"

Kif inghad f'dan il-kaz, jirrizulta car, anke b'ammissjoni tieghu stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu, illi l-imputat offra l-*cannabis* lill-ufficjali tal-pulizija. Dan biss u wahdu huwa diga` sufficjenti biex jammonta ghar-reat komplut ta' traffikar ta' droga. Huwa ghalhekk irrelevanti illi l-imputat ma kellu l-ebda droga fil-pussess tieghu fil-mument in kwistjoni. Izda anzi, kif jghid huwa stess, huwa kellu wkoll kull intenzjoni li jipprovdiha tramite shabu li kienu jbieghu r-raza tal-*cannabis* f'dawk l-akkwati.

Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi u dan in kwantu jirrigwarda l-lejl in kwistjoni u s-sena ta' qabel.

Jirrizulta car ukoll illi anke l-addebitu tal-aggravju tad-distanza, mertu tat-tieni imputazzjoni, wkoll gie sodisfacentement ippruvat. Skont l-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dan il-kaz, l-imputat offra d-droga fic-centru ta' Paceville, vicin l-istabbiliment gia maghruf bhala *Axis* u ghalhekk certament f'post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

**Kunsiderazzjoniet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni illi minkejja li l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset ukoll in-natura serja tar-reat li tieghu qed jinstab hati u li b'ammissjoni tieghu stess, huwa kien ilu jitraffika r-raza tal-*cannabis*, bil-mod spjegat minnu, mis-sena ta' qabel. Il-Qorti qeghda tapplika wkoll zieda ta' grad fil-piena ghar-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni, b'applikazzjoni tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-fedina penali tal-imputat baqghet ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (izda dan limitatament ghall-lejl tal-20 ta' Lulju 2016 u s-sena ta' qabel u ghalhekk mhux ghas-snin ta' qabel skont ic-citazzjoni odjerna) u qed tikkundannah ghall-piena ta' **tmintax-il xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reat li tieghu qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza - u piena ta' **multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500)**.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat